Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Avviz Numru. 72/2005

**Carmen Vella armla Galea ID 110253(M), Carmelo Vella ID 573643(M) u Joseph Vella ID 111948(M) u b'digriet**
**tat-8 ta' Novembru 2005 l-atti huma transfuzi f'isem Martin**
**Vella u ghal kull interess li jista' jkollha, ommu Carmen Vella**

**Vs**

**Anton Bonnici u Martin Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu ikkundannati fi zmien qasir u perentorju jizgombraw mill-fond numru tnejn u tmenin (82) u erbgha u tmenin (84) Old Mill Street,


Qrati tal-Gustizzja

Mosta, u dan stante li qed jokkupaw dan il-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Il-valur lokatizzju tal-fond fuq imsemmi huwa ta' erbatax-il Lira (Lm14) fis-sena.

Bl-ispejjez. Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni u b'rizerva ghad-danni ta' l-okkupazzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 18 tal-istess atti) u li biha ecceppew bir-rispett:

Illi preliminarjament din il-Qorti hija inkompetenti peress illi huma ghandhom titolu ta' kera u ghalhekk l-atturi kellhom jaghmlu t-talbiet taghhom quddiem il-Bord tal-Kera.

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress illi huma ilhom jghixu fil-fond in kwistjoni man-nannu taghhom ghal zmien twil u ghalhekk ghandhom titolu ta' kera.

Illi huma m'ghandhom l-ebda residenza ohra alternattiva peress li d-dar li kellhom il-genituri taghhom hija maqbuda mill-bank.

Illi peress li ghandhom titolu ta' kera it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Salvi eccezzjonijiet oltra ulterjuri kif permessi mill-ligi.

Rat id-digriet moghti fit-8 ta' Novembru 2005 (fol 20 u fol 21).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, minhabba n-natura tal-eccezzjonijiet kif sottomessi mill-konvenuti jkun opportun li , l-ewwel nett, jigi deciz jekk l-istess konvenuti ghandhomx, <u>fuq bazi ta' probabilta'</u>, it-titolu ta' kera vantat minnhom.

Illi tali titolu jidher li hu bazat, skond ma jirrisulta mix-xhieda prodotti mill-konvenuti, fuq id-definizzjoni ta' 'kerrej' protett mill-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel l-emendi ricenti. Difatti l-artikolu 2 tal-kapitolu citat jghid illi 'kerrej' protett jfisser 'fil-kaz ta' dar ta' abitazzjoni, meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, dawk il-membi tal-familja tal-kerrej li jkunu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu'.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' 'affidavit' a fol 38 et seq ibid, il-konvenut Anton Bonnici spjega illi bejn Marzu u April 2000 in-nanna tieghu kienet iddahhlet fl-isptar, "b'mod indefinit" u ghalhekk hu u huh, il-konvenut l-iehor Martin Bonnici, kienu marru joqghodu fil-post in kwistjoni "… man-nannu biex ma jkunx wahdu u biex nghinuh". In-nanna taghhom kienet mietet fit-24 ta' Gunju 2001 u ghalhekk hu u huh komplew jirrisjedu u jorqdu fl-istess post man-nannu. Inoltre l-karta tal-identita taghhom giet imdawra fuq l-istess post li sar ukoll l-indirizz postali taghhom. In rigward in-nannu dan kien miet fl-2003 u "Ahna xorta wahda bqajna nghixu fil-fond mikri lin-nannu". Izda f'Awissu 2003, il-hlas tal-kera da parti taghhom giet rifjutata u lanqas ma giet accettata mill-atturi hlas ta' kera aktar gholja minn dik originali. In rigward huh, dan telaq mill-istess fond mikri waqt li x-xhud izzewweg u baqa' jirrisjedi fl-istess post. Fl-ahhar nett, ix-xhud semma illi ma ghandhux post iehor fejn jista' jirrisjedi mal-familja tieghu peress li r-residenza tal-genituri tieghu kienet ittiehdet mill-Bank minhabba dejn imholli minn missieru wara li dan kien miet (ara ukoll ix-xhieda ta' Stanley Bezzina a fol 41 et seq ibid kif ukoll tal-konvenut Martin Bonnici a fol 44 et seq ibid u ta' Lawrence Bonnici a fol 46 et seq ibid u dan in sostenn ta' dak li xehed Anton Bonnici).

Ikkunsidrat

Illi l-attrici Carmen Galea (ara l-'affidavit' a fol 29 ibid) ikkonfermat li l-post kien mikri lil Pacifico Bonnici, in-

nannu tal-konvenuti izda sostniet li wara li mietet martu, l-istess Pacifico Bonnici kien jghix wahdu, kif kien jghidilha ukoll l-istess inkwilin. Wara li kien miet l-inkwilin l-istess attrici tghid illi rat il Lawrence Bonnici gja imsemmi, flimkien mal-konvenut Anton Bonnici waqt li dawn kienu qed jbattlu l-istess post. Inoltre hi kienet ipprovat iccempel diversi drabi fl-istess post fuq in-numru ta' telefon tal-mejjet Pacifico Bonnici izda hadd ma kien jwegibha.

Illi Giovanna Vella mart Carmelo Vella, bl-istess procedura, xehdet (fol 30 ibid) illi Pacifico Bonnici, ftit qabel ma miet kien qalilha illi ma ghandu lil hadd jghix mieghu "u f'Jannar irrid nidhol l-Isptar ukoll".

Illi Carmelo Vella (fol 21 ibid) xehed, dejjem bil-procedura ta' affidavit, illi wara l-mewt tal-inkwilin, Pacifico Agius, hu kien mar ma' Anton Bonnici, ghand l-Avukat Dottor Victor Ragonesi, li kien l-Avukat tax-xhud, u l-istess Anton Bonnici kien qal li "… kienu jixtrulu (lin-nannu) l-halib u l-perzut imma fl-ebda hin ma qal (Anton Bonnici) li kienu joqghodu mieghu (man-nannu)" (Dwar dan il-punt ara ukoll ix-xhieda ta' Dottor Victor Ragonesi 'viva voce' a fol 25 ibid.

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-esami ta' dawn il-provi kif hemm fuq esposti, il-Qorti mxiet fuq il-principju generali illi la darba l-konvenuti allegaw li jiddetjenu l-istess post b' titolu ta' kera kien jinkombi fuqhom li jipprovaw, fuq bazi ta' probabilita din l-allegazzjoni (ara l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, b'referenza ghall-konvenut, Martin Bonnici, irrizulta mill-istess provi illi dan kien telaq mill-istess post u ma ghadux joqghod go fih. Konsegwentement, dan ma ghandux aktar interess, la bhala fatt la legalment, fl-esitu ta' din il-kawza.

Illi, in rigward il-konvenut l-iehor Anton Bonnici, li kif di gja nghad, kien jinkombi fuqu l-oneru tal-prova li ghandu jkun konsiderat bhala 'kerrej protett' billi kien, skond hu, jirrisjedi mal-inkwilin nannuh meta Pacifico Bonnici miet, il-provi prodotti minnu kienu biss ix-xhieda tieghu stess, dik ta' ziju Lawrence Bonnici u fl-ahhar nett dik tal-konvenut l-iehor, Martin Bonnici huh. Hawnhekk il-Qorti kienet tistenna sabiex tigi prodotta xi prova ohra indipendenti jew verbali jew permezz ta' dokumenti sabiex it-tesi u l-allegazzjoni tieghu tigi pruvata, dejjem fuq bazi ta' probabilta. Pero din it-tip ta' prova ma gietx prodotta, taht l-ebda forma u ghalhekk l-istess Qorti ser tikkonsidra l-provi prodotti mill-konvenut bhala insufficjenti sabiex jikkonvincuha illi Anton Bonnici kien filfatt, jirrisjedi mal-inkwilin nannuh meta dan miet.

Illi, anzi, mill-provi tal-atturi, b'mod specjali minn dak li xehed l-Avukat Dottor Victor Ragonesi, dwar dak li ntqal lilu mill-istess Anton Bonnici, jidher li dan il-konvenut, filfatt, ma kienx qed jirrisjedi ma nannuh, skond is-sinifikat li ghandha tinghata lill-'kelma' "residenza". Konsegwentement l-eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenuti ma jistghux jigu akkolti. Dan kollu japplika ukoll ghall-konvenut l-iehor, Martin Bonnici (ara 'supra').

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex, sal-21 ta' Lulju 2010, jizgombraw mill-fond tnejn u tmenin (82) u erbgha u tmenin (84) Old Mill Street, Mosta waqt li jigi dikjarat illi l-istess konvenuti qed jokkupaw l-istess fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi. L-ispejjes kollha jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------